# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
***CITTÀ FERDINAND***

## SEDUTA NRU 291 (b'urġenza)
## It-Tlieta, 2 ta' Diċembru, 2014

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' b'urġenza fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-6.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsilliera Mariette Borg
Il-Kunsillier Mario Cachia
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### ASSENTI SKUŻATI

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva komunikat mingħand il-Kunsillier Emanuel Cutajar li kien indispost minħabba mard. Is-Sindku ippropona li din it-talba tkun milqugħa. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.
Is-Sindku qal li kien sejjaħ din is-seduta għar-raġuni ta' ċerti deċiżjonijiet urġenti li kellhom jittieħdu.

### 1 Kwotazzjonijiet CCTV cameras

Is-Sindku qal li kienu daħlu tliet kwotazzjonijiet għal din is-sejħa ta' kwotazzjonijiet bl-irħas waħda tkun dik tal-Grupp 4 iġifieri ta' €2,000. Għalhekk huwa ippropona li għandha tintgħażel din il-kwotazzjoni.

Huwa fakkar li dan l-ammont, i.e. ta' €2,000 se jingħata mir-Reġjun.
Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2 Bring-in-Sites

Is-Sindku ippropona li minħabba inkonvenjent kbir li qed joħolqu, il-BiS ta' Triq l-Iskola u Triq in-Nirien jitneħħew. Huwa fakkar li issa se jkun hemm sit ġdid fi Triq Salvatore Borg Olivier. Huwa fakkar li issa is-siti kollha iġifieri ta' Triq Nikola Bonello, Triq Ġużé Delia u Triq Salvatore Borg Olivier se jkunu mgħassa bil-cameras.

Il-Kunsilliera Mariette Borg issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 3 Kuntrattur tal-ġbir tal-ħġieġ u l-iskart riċiklat

Is-Sindku qal li qed jidħlu kontinwament numru ta' ilmenti dwar is-servizz mhux adegwat tal-ġbir tal-ħġieġ kif ukoll tal-iskart riċiklat ta' nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa. Huwa għalhekk kien qed jipproponi li l-GreenMt tintalab tneħħi dan il-kuntrattur u s-servizz jibda jingħata minn kuntrattur li jsir qbil dwaru mal-Kunsill.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4 Ħruġ ta' sejħa għall-offerti għal xogħol addizzjonali Salib tal-Għolja

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li issa li l-proġett ta' Tal-Għolja qed jersaq fit-tmiem tiegħu, jista' jagħti l-kas li jibqa' madwar €20,000 mhux minfuqa. F'laqgħa li huwa kellu mal-Managing Authority EAFRD, hemm il-possibiltà li jingħataw €20,000 żjieda mat-tifdil li jkun sar mill-kuntratt oriġinali u b'hekk tista' tissewwa t-triq ta' Santu Kristu. Biex iseħħ dan trid tinħareġ sejħa għall-offerti għal dawn ix-xogħolijiet addizzjonali. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu joħroġ din is-sejħa hekk kif jitlestew il-BOQs.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fis-7.00. pm

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn, 15 ta' Diċembru, 2014.**